MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 765/2002

**Repro House Limited**

**Vs**

**Phone Direct Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fid-18 ta' Dicembru, 2002, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' Lm4772.50 rapprezentanti l-import ta' zewg invoices in konnessjoni ma' xoghol preparattiv ghall-istampar.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid u mandat ta' sekwestru li gew ipprezentanti kontestwalment ma' l-avviz ghas-smiegh u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' l-avviz, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet ta’ Raymond Galea ghan-nom ta’ Phone Direct Limited fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjent ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici. Kull ftehim li kellu kien ma’ Ryan Calleja personalment u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza. Kwindi l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
Is-socjeta’ konvenuta minn issa qeghda tirriserva d-dritt li tikkjama fil-kawza lill-imsemmi Ryan Calleja.
2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suecepit, is-somma mitluba hija ghal kollox esagerata peress li l-ammont rejalment dovut ghal kull ftehim milhuq huwa ta’ circa sitt mitt lira Maltin (Lm600).
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza s-socjeta’ attrici qeda titlob il-hlas tas-somma ta’ erbat elef, seba’ mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4,772.50) ghal xoghol ta’ stampar fuq il-magazine “Phone Direct” illi kien ordnat mis-socjeta’ konvenuta ghal zewg hargiet tal-magazine ghall-habta ta’ Ottubru u Dicembru, 2002.

Irrizulta mill-provi illi meta s-socjeta’ konvenuta iddecidiet li tipproduci magazine tar-reklami taht l-isem ta’ “Phone Direct”, kienet originarjament avvicinat lil *freelance designer* Ryan Calleja. Saret laqgha fl-10 ta’ Mejju, 2002 li ghaliha kienu prezenti Ryan Calleja, Tristan Meadows u Ray Galea, managing director tas-socjeta’ konvenuta. Dan ta’ l-ahhar zamm minuti ta’ din il-laqgha illi huma esebiti a fol. 29 tal-process. Skond dawn il-minuti l-partijiet kienu ddecidew li jipproducu l-magazine imsemmi bir-rata ta’ seba’ liri u nofs Maltin (Lm7.50) kull pagna disinjata, liema ftehim kellu jibqa’ jorbot ghal sentejn.

Dan pero’ ma setax isehh peress illi fil-frattemp Ryan Calleja ma baqax
jahdem bi shab ma’ Tristan Meadows u mpjega ruhu mas-socjeta’
attrici.

Hawnhekk tibda l-kontroversja principali bejn il-partijiet. Ray Galea
jghid illi huwa qatt ma accetta illi jinnegozja direttament mas-socjeta’
attrici u accetta s-servizzi taghhom biss peress illi kien taht pressjoni u maghfus biz-zmien. Minn najha l-ohra Ryan Calleja jaghmilha cara illi huwa kien informa lis-Sur Ray Galea bl-impjieg tieghu u illi kien ser jahdem il-magazine ghand ir-Repro House, is-socjeta’ attrici.

Ray Galea kien accetta din il-proposta u saret laqgha fl-ufficini tas-
socjeta’ attrici fejn sar ftehim bir-rata ta’ seba’ liri u nofs Maltin (Lm7.50)
inkluz il-VAT. Dan huwa ferm differenti minn dak indikat fil-minuti a fol. 29 tal-process, illi tghid kull pagna disinjata. Il-*flat rate* ta’ seba’ liri u nofs Maltin (Lm7.50) kull pagna tikkomprendi wkoll il-kopji, li kienu komuni ghad-diversi magazines fiz-zoni differenti ta’ Malta.

Is-socjeta’ konvenuta riedet tiproduci sitt magazines differenti ghal sitt zoni differenti. Pero’ hafna mir-reklami fil-magazines kienu komuni, ppretendiet li l-*art work* ghal dak illi huwa komuni kellu jithallas b’rata wahda. Waqt li s-socjeta’ attrici qeda tippretendi illi l-ftehim maghha kien ta’ seba’ liri u nofs Maltin (Lm7.50) *per page* bhala *flat rate*. Dan gie kkonfermat minn Nicholas Camilleri li huwa l-manager tas-socjeta’ attrici. A fol. 17 jghid illi sar xoghol fuq is-CD u ntbaghat barra ghall-*printing*. Hargu zewg *issues*, Ray Galea in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta kien imur ta’ spiss jara x-xoghol isir. Wara l-ewwel harga gie ffaturat ix-xoghol u s-Sur Ray Galea qallu illi kellu jsiefer u jhallas meta jasal lura u sa dan it-tant ordna t-tieni harga. Dina saret ukoll, izda s-socjeta’ konvenuta la hallset wiehed u lanqas l-iehor, ghax allegat li kien hemm hafna lmenti bil-hrug tardiv tal-magazine.

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta' attrici qieghda tghid li l-laqgha fejn sar il-ftehim, ir-rata tal-hlas u l-modalita' tax-xoghol saret fir-Repro House u ghaliha kien prezenti s-Sur Galea li accetta tali ftehim.

Is-Sur Galea, minn naha l-ohra jinnega illi huwa kien accetta li jhallas din ir-rata ta' *flat rate* kif allegat is-socjeta' attrici u baqa' jinsisti illi huwa kien marbut mall-ftehim illi kien ghamel ma' Ryan Calleja fl-10 ta' Mejju. 2002 fejn kellu jhallas seba' liri u nofs Maltin (Lm7.50) ghall-kull pagna disinjata. Jinsisti hafna illi mas-socjeta' attrici huwa ma kellux x'jaqsam, ma kellux fiducja fiha peress illi kien semgha xi lmenti dwarha. Pero' minn naha l-ohra huwa kien accetta s-servizzi taghha. Tant hu hekk illi a fol. 55 jghid, "Fi kwalunkwe kaz, peress illi kont maghfus biz-zmien ma kellix triq ohra hlief li naccetta s-servizzi illi kien qed jissugerixxi Ryan". Irrizulta li dawn is-sevizzi mhux talli gew accettati, izda s-Sur Galea jirrikonoxxi illi kien imur ta' spiss fl-ufficini ta' Repro House iheggighom biex ilestu l-magazine malajr.

Rigward l-ilment tas-socjeta' attrici illi huwa kien qed jikkonsenja x-xoghol tard, Ray Galea ma kienx f'posizzjoni jinforma lill-Qorti dwar id-dati meta huwa kien jikkonsenja x-xoghol. Jaf pero' illi kien hemm hamsa minn nies jahdmu tard bilejl biex ilestu x-xoghol kollu fi zmien erbat ijiem.

Mariolina Schembri, a fol 55, illi kienet segratarja tas-socjeta' konvenuta bejn Dicembru 2002 u Jannar 2004, tiftakar illi x-xoghol inhadem tard bilejl u anki fil-*weekends*. Ix-xhieda ta' din ta' l-ahhar pero' trid tittiehed b'certa suspett peress illi filwaqt illi tghid illi hadmet bejn Dicembru 2002 u Jannar 2004, issemmi illi kienet prezenti ghall-ftehim illi l-minuta taghha tidher a fol. 29 tal process, liema minuta saret f'Mejju 2002. Meta giet infaccata b'din id-diskrepanza, Schembri tghid illi kienet prezenti ghal xi laqgha, pero' ma tistax tiftakar meta din il-laqgha saret, ghad illi ghaliha kien hemm prezenti persuna bl-isem

Ryan, is-Sur Galea, Tristan u hi. Pero' minn naha l-ohra taf illi x-xoghol sar mis-socjeta' attrici ghax hi kienet tmur hemmhekk sabiex tordna x-xoghol u tara li dan jigi mwettaq. Taf illi rcevew sitt CDs minghand is-socjeta' attrici u taf ukoll li l-magazines gew stampati u mqassma safejn dawn gew imqassma.

Rigward l-ewwel fattura tas-socjeta' attrici, Mariolina Schembri tghid illi hija dahlet fil-fond f'din il-fattura u kienet lmentat mill-fatt illi gew mitluba hlas ta' seba' liri u nofs Maltin (Lm7.50) kull pagna meta skond is-Sur Galea kien ta struzzjonijiet illi l-hlas kellu jkun kull pagna disinjata. Pero' ma tiftakarx x'kienet il-konkluzjoni ta' l-ezercizzju taghha u kemm fil-fatt kienu kkonkludew illi kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici.

In kontro ezami Ryan Calleja a fol. 66 jerga jinsisti li l-ftehim kien ta' seba' liri u nofs Maltin (Lm7.50) bhala *flat rate* kull pagna u mhux kull pagna disinjata. Jghid, "Jekk kelli ndum minuta biex nahdem pagna jew kella tododli gurnata ma kienx taghmel differenza, ir-rata tibqa' listess."

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett li l-minuti li hemm a fol. 29 tal-process, liema minuti ttiehdu minn Ray Galea fl-10 ta' Mejju, 2002 ma jistghux jitqiesu bhala bazi ta' ftehim illi sar bejn is-socjetajiet attrici u konvenuta. Id-dokument a fol. 29 jibqa' biss minuta peress ma ghandhiex l-indoli ta' ftehim fin-nuqqas ta' firma tal-partijiet kontraenti. Se mai, tista' titqies bhala ndikazzjoni tal-ftehim originali illi kien sar bejn is-Sur Galea u Ryan Calleja u Tristan Meadows ghall-produzzjoni tal-magazine. Dan il-ftehim ma giex imwettaq peress illi sussegwentement Ryan Calleja ma kienx f'posizzjoni li jwettqu wara l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici. Kien hawnhekk illi dahal ftehim gdid bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta, fejn jidher illi l-hlas gie mibdul ghal wiehed ta' seba' liri u nofs Maltin (Lm7.50) *per page* u mhux kull pagna disinjata.

Filwaqt illi Ray Galea jirribatti dan il-ftehim u jibqa' jinsisti illi huwa ma kellu relazzjoni diretta mas-socjeta' attrici,

dan mhuwiex minnu. Jekk is-Sur Galea kellu xi riservi ghall-ewwel, dana jidher illi warrabhom meta huwa accetta illi jigi esegwit ix-xoghol ghand is-socjeta’ attrici. Mhux talli accetta li jsir dan, talli huwa kien imur ta’ spiss f’dawk l-ufficini jheggeg l-esekuzzjoni tax-xoghol u anki jircievi minghandhom is-CDs halli jibghathom il-Polonja ghall-*printing*. Jekk dawn intbaghtu l-Polonja tard ma rrizultax mill-atti ta’ min kellha tkun ir-responsabbilta.

Filwaqt illi s-socjeta’ attrici qeda tghid illi l-*artwork* u x-xoghol primarju gie moghti lilhom tard wisq, is-Sur Galea ma kienx f’posizzjoni li jforni lill-Qorti d-data tal-konsenja tal-materjal sabiex jahdmu fuqha s-socjeta’ attrici. Li rrizulta zgur li din l-ahhar socjeta’ darba kienet f’posizzjoni illi tahdem ix-xoghol ghamlet dan bl-akbar speditezza meta f’affari ta’ erbat ijiem wettqu xoghol illi kellu jitlesta fi zmien tliet gimghat.

Ghalhekk, il-vera lment tas-socjeta’ konvenuta mhuwiex dak illi hija ma kkuntrattatx mas-socjeta’ attrici, izda dwar ir-rata ta’ hlas u dwar xi danni li setghet garrbet is-socjeta’ konvenuta ghal xi dewmien li seta’ kien hemm fil-produzzjoni tal-magazines.

Il-fatt jibqa’ pero’ illi s-socjeta’ attrici wettqet l-inkarigu lilha moghti, kkonsenjat is-CDs lil Ray Galea u dan sussegwentement ircieva x-xoghol mill-esteru biex gie mqassam fid-djar Maltin.

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta irceviet minghand is-socjeta’ attrici s-servizz illi kienet tablet minghajr reklam u bbenefikat tajjeb jew hazin minn tali servizz u issa ma tistax topponi t-talba tal-hlas tas-socjeta’ attrici. [ara Frederick Micallef et noe vs May Sullivan Appell 22.11.2002]

Ray Galea jghid illi huwa sofra hafna danni minhabba d-dewmien minnu attribwit lis-socjeta’ attrici. Qal pero’ illi huwa ma hax azzjoni kontra l-partijiet involuti fil-produzzjoni tal-magazine peress illi kien ghadu jikkwantifika d-danni. Il-Qorti jidhrilha illi din mhijiex skuza biex jiggustifika n-nuqqas ta’ hlas. Kif qalet tajjeb il-kawza

fl-ismijiet Joe Xuereb Holdings Co. Ltd. Vs Marlene mart Francis Xuereb et deciza mill-Prim'Awla fit-30 ta' Gunju, 2005 qalet, "Dikjarazzjonijiet generici ta' telf finanzjarju kawzati b'agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur izomm lura pagamenti ta' dejn. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi semha mill-ftehim skond id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias*, wiehed kellu diversi ghazliet …"

Ghalhekk, fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti hija sodisfatta illi l-ftehim kif riportat fil-minuti ta' l-10 ta' Mejju 2002 [fol. 29] ma jirriflettix u m'ghandux jorbot ir-relazzjonijiet guridici bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta. Tasal ghall-konkluzjoni illi: (1) Bejnithom sar ftehim gdid f'laqgha illi saret fl-ufficini tas-socjeta' attrici fejn ir-rata ta' hlas giet mibdula ghal dik ta' seba' liri u nofs Maltin (Lm7.50) kull pagna plus VAT. (2) Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta Ray Galea kien accetta bla riservi s-servizzi li offriet is-socjeta' attrici, kien partecipi fl-inkarigu illi gie moghti billi acceda diversi drabi fl-ufficini tas-socjeta' attrici biex iheggeg u jara x-xoghol isir. (3) Ma rrizultax ta' min kien it-tort ta' xi dewmien, jekk dewmien kien hemm, fil-harga tal-magazines "Phone Direct". Zgur illi dan ma kienx dovut ghal xi nuqqas ta' hegga da parti tas-socejta' attrici illi hadmet lejl u nhar u anki fil-*weekends* sabiex tlahhaq il-magazine fil-hin kif kien stipulat mis-socjeta' konvenuta.

Dan kollu allura jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li s-socjeta' attrici hija gustifikata fit-talba taghha u ghandha dritt tihallas l-ammont reklamat.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha s-somma ta' erbat elef, seba' mija u tnejn u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm4,772.50) rapprezentanti l-import ta' zewg fatturi in konnessjoni ma' xoghol

preparattiv ghall-istampar li gie mwettaq mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-Avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------